# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tad-39 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 5 ta' April 2022 fil-5:30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Sindku |
| Grace Marie Zerafa | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Henry Zaffarese | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa.

39.01 **Talba**

39.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

39.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

39.02.01 Is-D.S.E. nforma li ma kienx hemm ittri ta'apoloġiji.

39.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħat nru 37 u 38**

39.03.01 Il-Minuti tal-laqgħat nru 37 u 38 ġew approvati unanimament. Is-Sindku ippropona u l-Viċi-Sindku issekondat.

39.04 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

39.04.01 Is-Sindku nforma li din il-laqgħa kienet qed titmexxa mid-D.S.E. s-Sur Anthony Bonello peress li b'effett mill-bieraħ, is-S.E. Fabian Mizzi kien inħatar S.E. ta' lokalita' oħra. Filwaqt lis-Sindku rringrazzja lis-Sur Mizzi għal-ħidma tiegħu huwa ppropona li sabiex ikun hemm kontinwita', s-Sur Mizzi għandu jinħatar D.S.E. u li mal-ewwel ċans għandha tinħareġ is-sejħa għal S.E. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

39.04.02 Is-Sindku nforma li minkejja l-kampanja elettorali x-xogħlijiet fir-raħal kienu tkomplew kif ippjanat. Rigward il-*Mobile App*, huwa qal li malli din titlesta għandha ssir laqgħa fejn tiġi ppreżentata lill-Kunsillieri.

39.04.03 Rigward xogħlijiet fit-toroq, is-Sindku qal li t-Triq tal-Isqof u Triq Valletta kienu tlestew filwaqt li x-xogħol fi Triq Żurrieq kienu għaddejjin kif ippjanat.

39.04.04 Is-Sindku nforma li l-fanali l-ġodda għal Triq Karmenu Ciantar kienu waslu u kienu qeghdin l-iSptar il-Qadim u issa rridu nitkellmu mal-Perit Roderick Bonnici ta' IM

sabiex jinbdew ix-xogħlijiet. Huwa qal li hemm xi *issues* ma resident rigward toqba tal-festa viċin ir-residenza tiegħu kif ukoll xi *issues* oħra in-naħa ta' fuq tat-triq li jridu jiġu solvuti max-xogħlijiet.

39.04.05 Rigward il-Ġnien ta' fuq il-Ġibjun, is-Sindku nforma li bħalissa kien qed isir is-*survey* u malli jitlestew id-disinji, dawn għandhom jiġu ppreżentati lill-membri.

39.05 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

39.05.01 Il-Viċi-Sindku staqsiet fiex konna wasalna fil-Bandla għal Persuni bi Bżonnijiet Speċjali. Id-D.S.E. informa li l-bandla kienet ġiet ordnata u għandha tasal ix-xahar id-dieħel. Iridu jsir xi alterazzjonijiet sabiex il-post fejn ser teħel il-bandla ikun aċċessibbli għal kulħadd.

39.05.02 Il-Viċi-Sindku ikkummentat dwar problema tat-traffiku viċin it-*roundabout* tal-Mentna. Kien hemm qbil li għandna napplikaw ma TM sabiex issir *Sleeping Policeman* fit-Triq tas-Sejba.

39.05.03 Il-Kunsillier Dingli staqsa fiex konna wasalna fil-ħadid ta' madwar is-*soft area* fi Triq Mikelang Sapiano. Id-D.S.E. informa li jista' jkun hemm xi *issues* għal min jiġi biex jiftaħ il-bieba tal-karozza in-naħa tas-*soft area* però kien hemm qbil unanimu li dan il-ħadid għandu jsir.

39.05.04 Il-Kunsillier Dingli qal li jinsab infurmat li l-*Irrigation System* ta' Triq Valletta mhux qed taħdem. Kien hemm qbil li dan l-ilment jiġi riferut lil IM.

39.05.05 Il-Kunsillier Dingli staqsa fiex konna wasalna rigward il-*One Way* fi Triq Kirkop kif ukoll dwar l-installazzjoni ta' *bollards* fuq il-bankina. Id-D.S.E. informa li konna rridu nsaqsu lil-TM dwar dawn iż-żewġ *issues*.

39.05.06 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar is-CCTV fil-Pjazza u ġie deċiż li għanda ssir laqgħa ma TM/LESA sabiex naraw l-aħjar post fejn din għandha teħel. Kien hemm qbil ukoll li għandhom jiġu ordnati t-tabelli li jipprojbixxu d-dhul ta' vetturi kbar fil-Pjazza.

39.05.07 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar *update* dwar il-*cover* fuq il-ġibjun il-ġdid peress li kien qed joqrob is-Sajf u r-residenti jibdew jilmentaw minħabba n-nemus. Kien hemm qbil li din l-*issue* tiġi riferuta lill-Perit Farrugia tal-PWD.

39.05.08 Il-Kunsiller Sciberras talab *update* dwar arblu tad-dawl imsaddad fi Triq Santa Marija kantuniera ma Triq iċ-Ċavi. Din it-talba ser tiġi riferuta lil-Enemalta.

39.05.09 Il-Kunsillier Sciberras informa li kien intalab sabiex isir *Loading/Unloading Bay* viċin *stationery* fi Triq il-Franka. Id-D.S.E. informa li *stationeries* ma jikkwalifikawx għal dan it-tip ta' *bays*.

39.05.10 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar il-*quotations* għal *Bicycle Racks* u d-D.S.E. informa li sa laqgħa oħra kien ser ikollna l-*quotations*.

39.05.11 Il-Kunsillier Zaffarese informa li kien irċieva lment dwar l-istat tal-bankina fi Triq Nazzarenu u s-Sindku nforma li konna qed nistennew l-istima tal-Perit sabiex din issir mill-kuntrattur tal-Kunsill.

39.05.12 Il-Kunsillier Zaffarese informa li kien irċieva lmenti dwar l-istat ta' Triq Baskal Xuereb u s-Sindku nforma li din it-triq ser issir minn IM fil-ġejjieni qarib.

39.05.13 Il-Kunsillier Zaffarese issuġġerixxa li jsiru xi attivitajiet kulturali fis-Sajf u kien hemm qbil li għandha ssir diskussjoni dwar dan fil-laqgħa li jmiss. Il-Viċi-Sindku infurmat li hija se tkun qed taħdem fuq attivita' soċjali viċin Jum l-Omm.

39.06 **Offerti**

39.06.01 Is-Sindku nforma li l-offerti tat-Tabelli u s-Sinjali, tal-*Accountant* u tal-Ġonna kienu ġew konklużi u li jekk wara li jgħaddi ż-żmien tal-appell ma jkunx hemm problemi, l-kuntratturi rispettivi jintalbu jipprovdu l-Garanzija Bankarja u ladarba din tasal ikunu jistgħu jiġu ffirmati l-kuntratti.

39.06.02 Rigward il-kuntratt tal-*Bulky Refuse*, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jagħżel l-orħos offerta u li l-proċess ikompli.

39.06.03 Ġie unanimament deċiż li għandu jinħareġ il-kuntratt għas-Servizz ta' Perit.

39.07 **Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

39.07.01 Korrispondenza SPI.SCI.1.2022 mid-DLG rigward Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-*Playing Fields* fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandna nkellmu lil Perit tal-Kunsill sabiex naraw x'jista' jsir mill-proġett propost għal Ġnien Onġi Onġella mill-FTZD lura għas-sena 2020.

39.07.02 Korrispondenza mingħand il-GAL Xlokk dwar *Information Seminar* rigward il-miżuri M1, M2, M3 u M4. Id-D.S.E. ser jattendi għal dan is-seminar.

39.07.03 Korrispondenza mingħand il-Reġjun Punent rigward *Religious Walk*. Id-D.S.E. intalab sabiex jistaqsi għaliex il-lokalita' tagħna ma hijiex inkluża f'din il-mixja.

39.07.04 Ċirkulari Nru 94/2022 – Kunsillieri eletti fl-Elezzjoni Ġenerali mid-DLG. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

39.07.05 Korrispondenza mingħand residenta rigward żewġ ħofor fit-Triq tas-Sejba. Ġie deċiż li dan l-ilment jiġi riferut lil TM u IM.

37.07.06 Korrispondenza mingħand residenta rigward irwejjaħ ta' drenaġġ fi Triq San Bażilju. Ġie deċiż li dan l-ilment jerġa jiġi riferut lill-Perit Ray Farrugia tal-PWD.

39.07.07 Korrispondenza mingħand TM rigward l-approvazzjoni ta' *Reserved Pa*rking għal perjodu ta' sena quddiem residenza fi Sqaq nru 2, Triq il-Lanġasa. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

39.07.08 Korrispondenza mid-DLG rigward MOU bejn l-MTA u l-Ministeru għall-Kultura, l-Arti u l-Gvern Lokali. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

39.07.09 Korrispondenza dwar talba għat-tismija ta' sqaq fi Triq tas-Sejba. Ġie unanimament deċiż li l-Kunsill jirrakkomanda li dan l-isqaq jingħata n-numru li jmiss.

39.07.10 Korrispondenza mingħand bejjiegħ fil-festi sabiex jara jekk huwiex possibbli li jarma l-gabbana tal-ikel tiegħu għall-festa ta' Santa Marija ta' din is-sena. Ġie deċiż li risposta għal din it-talba tingħata aktar viċin id-data tal-festa.

39.07.11 Korrispondenza mingħand Frank Salt dwar riklamar ġewwa l-lokalita' Ġie unanimament deċiż li ssir laqgħa mal-kumpanija dwar din il-proposta.

39.07.12 Korrispondenza mingħand resident dwar ħsara li saret mal-faċċata wara li nħarqet id-*Demarcation Box* li hemm imwaħħla mar-residenza tiegħu. Il-Kunsill innota li l-ħsara issewwiet u r-resident jidher kuntent dwar kif saru l-affarijiet.

39.07.13 Korrispondenza mingħand resident sabiex issir *Charging Point* fit-Triq tal-Matla. L-Kunsill innota li l-istallazzjoni ta' *Charging Points* hija fid-diskrezzjoni tal-Ministeru għall-Energija u li normalment isiru viċin *sub-stations* minhabba l-kurrent li hemm bżonn.

39.08 **Rapport Finanzjarju – Ir-Raba' Kwart Jannar / Diċembru 2021**

39.08.01 Peress li kopja ta' dan ir-Rapport Finanzjarju kienet tqassmet lill-Kunsillieri minn qabel, dan ġie approvat unanimament.

39.09 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti nru 08/38-39**

39.09.01 L-iskedi tal-pagamenti nru 08/38 u 08/39 ġew approvati unanimament. L-ammont approvat mill-kont nru 4 mingħand *Nexos Street Lighting* huwa ta' € 45,000 peress li dawn għadhom mhux installati.

39.09.02 Il-listi tal-infieq mill-*Petty Cash* li sar matul Frar u Marzu 2022 ġew approvati unanimament.

39.10 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

39.10.01 Il-laqgħa ntemmet fis-6:45 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 11 ta' Mejju fil-5:30 pm

Konfermati illum l-Erbgħa 11 ta' Mejju 2022.

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Fabian Mizzi |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |